MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru. 62/2001

Il- Pulizija
(Spettur Abraham Zammit)

-vs-

Stephen Zammit

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Stephen Zammit ta’ 36 sena iben missier mhux maghruf u Rita Zammit imwieled Pieta’ fis- 16 ta’ Frar, 1971 u joqghod 163, Triq l- Annunzjata, Hal Tarxien, detentur tal- Karta ta’ l- identita` bin- numru 104771M.

Talli fis- 6 ta’ Ottubru 2000 ghal- habta ta’ l- 10.30 am f’ Hal Tarxien, minghajr il- hsieb li joqtol jew iqieghed il- hajja f’ periklu car, darab jew sawwat lil Emanuel Degabriele b’ armi regulari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, ikkagunalu feriti ta’ natura hafifa, skond kif

iccertifika Dr. Renzo Degabriele M.D. tac- Centru tas-Sahha tar- Rahal Gdid.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat wiegeb li huwa mhux hati ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 64, 214, 217, u 221(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat u l-parte leza Emanuel Debattista joqghodu f'istess triq f'Hal-Tarxien. Nhar is-6 ta' Ottubru 2000 ghal habta tat-8.30am nqala diverbju bejniethom u dan ghax l-imputat kien tal-fehma li Debattista, li kien qed isuq vettura f'Hal-Tarxien stess qrib l-inkrocju bejn Triq il-Lunzjata u Triq Paola, kien ser jolqot lill ommu (cioe omm l-imputat) li dak il-hin kienet qed taqsam it-triq biex tmur hdejn l-imputat u martu. F'dan l-istadju ma gara xejn aktar hlief xi kummenti reciproci u z-zewg partijiet baqaw sejrin fi triqathom.

Illi eventwalment u cioe ghall-habta ta'l-10.30am meta l-imputat kien qed jirritorna d-dar iddecieda li jmur ghand Debattista biex jiehu is-soddisfazzjon dwar l-incident li sehh aktar kmieni. Kien f'dan l-istadju li sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna u li wassal biex Debattista soffra xi feriti.

Illi li sehh incident mhux kontestat mill-imputat, kif lanqas m'huwa kontesta li huwa "*mar jiehu s-sodisfazzjon*"; hija d-dinamika ta' l-incident li hemm kontestazzjoni dwarha.

Illi Debattista jsostni li malli hu mar jiftah l-bieb l-imputat qabad jaghtih b'injama li kellu f'idejh. Debattista kompla jispjega li l-imputat beda jissara mieghu biex jipprova

jidhol gewwa; Debattista rnexxielu jimbuttah ‘l barra u hadlu l-injama minn idejh. Debattista mbaghad dahal gewwa u cempel lill-pulizija. Debattista mar ghand it-tabib u anke ha ritratti tal-griehi li garrab.

Illi l-imputat minn-naha l-ohra jghid li hu ma kellux injam f’idejh. Jghid li malli Debattista fetah l-bieb hu (l-imputat) beda jghajjat u jsaqsih dwar l-incident ta’ fil-ghodu; Debattista nehha n-nuccali minn wiccu, talab lill-imputat biex jidhol gewwa u meta l-imputat irrifjuta Debattista qabad injama minn wara l-bieb u tah daqqa biha. L-imputat jallega li ntlaqat f’idejh ghax prova jilqa ghad-daqqa.

Illi l-imputat kompla jghid li huwa zamm l-injama b’idejh it-tnejn u lil Debatsita tah daqtejn ta’ sieq u laqtu fuq genbejh. Wara mar id-dar, mbaghad mar f’bar u meta kien hemm sar jaf li l-pulizija riedu jkellmuh; ghalhekk huwa mar l-ghassa direttament mill-bar. L-imputat jallega wkoll li f’xi hin huwa mar il-policlinic u gie rilaxxjat certifikat li pero` mhux esebiet f’l-atti.

Illi dwar ic-certifikat u l-griehi li seta soffra l-imputat il-Qorti thoss li huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet li jistghaw jimpingu fuq il-kredibilita ta’ l-imputat.

- Skond l-*incident report*, redatt minn PC1190 Antoine Hili fis-7 ta’ Ottubru 2000, kien biss Debattista li pprezenta certifikat mediku. Fid-depozizzjoni tieghu l-istess PC1190 Antoine Hili jerga jaghmel referenza biss ghal certifikat rilaxxjat fil-konfront ta’ Debattista.
- Meta l-imputat kellem lill-ispettur Zammit u rrilaxxja l-istqarrija hu suppost kien diga` mar l-Policlinic pero` mill-atti li dak il-hin ha xi certifikat mieghu.
- F’l-istqarrija l-imputat donnu jimplika li huwa mar l-Policlinic wara li mar l-ghassa. Pero` meta kien qed jghati d-depozizzjoni tieghu fil-Qorti l-imputat qal li “qbadt u mort il-Policlinic” b’implikazzjoni li huwa mar immedjatament wara l-incident, li ma jistax ikun ghax wara hu mar id-dar, minn hemm mar il-bar, u mill-bar mar l-ghassa.

- Mix-xhieda tat-tabib Aldo Fiorini ma jirrizultaw l-ebda *records* li fil-granet in kwistjoni l-imputat mar l-Policlinic ta’ Paola.
- L-imputat qatt ma spjega xi griehi allegatament soffra. Hu jghid li Debattista laqtu b’l-injama f’idejh, fuq il-minkeb pero qatt ma qal x’kienu dawn il-griehi: hux dbengil, grif jew xi haga ohra.

Illi fattur iehor relevanti mhux biss ghal dik li hi l-kredibilita ta’ l-imputat, imma anke d-dinamika ta’ l-incident, huwa l-griehi li soffra Debattista.

Illi Debattitista jghid li huwa qala daqqa b’l-injama fuq zaqqu. L-imputat jghid li lil Debattista huwa tah daqtejn ta’ siq fuq genbejh. Mir-ritratti u anke mix-xhieda ta’ Dr Renzo Degabriele jidher li l-versjoni moghtija minn Debatista hija ferm aktar verosimili minn dik ta’l-imputat li ma tistax tinghata kredibilita.

Illi tenut kont tas-suespost u tal-provi kollha prodotti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li l-incident in kwistjoni sehh fuq istigazzjoni ta’l-imputat u li sehh bil-mod kif iddeskriva l-parte leza Emanuel Debattista.

Illi ghalhekk huwa sodisfacjentment pruvat li l-imputat darab lill Debattista u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa.

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat tghid li l-ferita giet kawzata b’armi regolari jew strument li jaqta jew iniggez. Mill-atti jirrizulta li l-ferita giet ikkawzata b’injama.

Illi l-artikolu 221(1) jipprovdi li offiza hafifa ggib piena ta’ tlett xhur prigunerija jew multa. L-artikolu 221(2) mbaghad jipprovdi li jekk l-ferita tkun ikkawzata bil-mezzi msemmija f’l-artikolu 217 u cioe armi regolari, strument li jaqta jew iniggez, inkella sustanza li tesplodi, tahraq jew li hija korruziva, il-piena tkun prigunerija ghal zmien minn xahrejn sa sena.

Illi l-artikolu 217 ma jsemmiex armi irregolari. Ghalhekk, tapplika l-piena kif predispost fis-subartikolu (1) meta jintuzaw armi regolari, strumenti li jaqtaw jew inigzzu ecc;

fil-waqt li ghandha tapplika l-piena predisposta fis-subartikolu (2) meta l-ferita tigi kawzata b'kwalunkwe haga li mhiex arma regolari, strument li jaqta jew iniggez ecc.

Illi d-differenza bejn armi regolari u dawk irregolari hija stipulata f'l-artikolu 64 tal-Kap 9. Dan jiddeskrivi armi regolari bhala l-armi kollha tan-nar u l-armi u strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali taghhom id-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor. L-istess artikolu jkompli jipprovdi li l-armi l-istrumenti u l-ghodod l-ohra kollha ma jitqisux bhala armi hlief meta fil-fatt jigu uzati ghall-offiza u ghad-difiza f'liema kaz jissejhu armi irregolari.

Illi l-offieza fil-kaz in ezami giet kawzata minn injama li fil-fehma ta' din l-Qorti ma taqax taht definizzjoni ta' arma regolari, strument li jaqta jew iniggez ghalhekk ir-reat imputabbli lill-imputat huwa dak prospettat taht is-subartiklou 1 ta' l-artikolu 221 u li jgib mieghu piena ta' prigunerija ta' tlett xhur jew multa.

Illi ghalhekk l-piena li tista tigi nflitta fil-kaz in ezami hija jew prigunerija ghal perjodu massimu ta' tlett xhur jew multa.

Illi pero l-Qorti ma tistax ma tqisx xi fatturi ohra li thoss li huma relevanti ghall-fini ta' piena.

Illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh sebgha snin ilu u minn dak in-nhar ma sehh l-ebda incident iehor bejn l-imputat u l-parte leza. In oltre mill-fedina penali ta' l-imputat (anke dik aggornata) jidher li ghalkemm hu ghadda minn zmien difficli li wasslu biex ikkommetta xi reati issa irriforma ruhu tant li l-ahhar reat li kkommetta kien fis-sena 2001.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat fil-konfront ta'l-imputat dak provdut fil-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati li kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta’ Emanuel Debattista u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor waqt il-perjodu ta’ sitt xhur mill-lum

Il-Qorti spejgat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------